# Minuti

## Seduta Nru. 13/2011

Data: Il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju 2011

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri - *Membru*
Mario Xuereb - *Membru*
Rudolph Cini - *Membru*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

- Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara;
- Minn-naħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida attendiet il-Viċi Sindku, Margaret Baldacchino Cefai.
- John Mary Zahra (Jimmy), Membru tal-Kumitat, kien skużat minħabba impenji oħra.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat;
5. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
6. Għeluq

---

## Kontenut

Annex A  Minuti 13/2011

Annex B  Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 13/2011**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fil-5:40pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 12/2011 li saret nhar l-10 ta'Ġunju 2011 tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1 –** Is-Sur Mario Xuereb ma kellux iċ-ċans ikellem lis-Superjur. Iċ-*Chairperson* qalet li pruvat tmur darbtejn tkellmu iżda ma kienx hemm. Ser terġa tipprova tmur.

Tabella ta' *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew.

**3.2** **Fuq punt 3.2 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-parking riservat għadu ma sarx. Ikkuntatja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida u qallu li l-kuntrattur għandu ħafna xogħol minħabba l-Arriva u mhux qed ikollu ċans jagħmel ix-xogħol tal-Kunsill.

*Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'*

**3.3** **Fuq punt 3.3 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-lista ta' ħwienet li hemm ġewwa s-Swatar kif ukoll il-lista ta' fejn qegħdin it-tabelli l-antiki tal-ħwienet. Ħwienet ġo s-Swatar b'kollox hemm 53.

Tabelli ta' Informazzjoni tal-Ħwienet fit-Toroq.

3.3.1 Il-Kumitat iddeċieda li fil-25 ta' Lulju 2011 jiltaqa' sabiex jiddeċiedi fejn ser jeħlu it-tabelli.

**3.4** **Fuq punt 3.4 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-laqgħat mal-aġenziji mhux ser isiru għalissa sakemm il-Kumitat isib soluzzjoni minħabba l-problema tal-parking.

Problema ta' Parkeġġ.

**3.5** **Fuq punt 3.5 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li fuq is-siti perikolużi, is-sitwazzjoni għada l-istess.

Siti Perikolużi.

3.5.1 Is-Sur Mario Xuereb qal li s-sit ta' Triq Grosseto qed ikun ferm perikoluż għax qed jinżlu t-tfal u hemm riskju kbir li jweġġa xi ħadd. Is-Sur Xuereb irrimarka wkoll li dawn is-siti ilhom li ġew identifikati iżda baqa' ma sar xejn.

3.5.2 *Iċ-Chairperson* qalet li diġa għamlet rapport lill-Pulizija.

3.5.3 Il-Kumitat iddeċieda li l-każijiet kollha jiġu rapurtati lill-Pulizija.

3.5.4 Iċ-*Chairperson* qalet li għanda ssir ukoll laqgħa mas-Suppretendent. Il-Kumitat qabel.

**3.6** **Fuq punt 3.6 -** Il-Kumitat iddeċieda li l-attivita' ta' Settembru 2011 għandha ssir fi Triq Indri Grima.

Attivita' fis-Swatar

**3.7** **Fuq punt 3.7 -** Iċ-Chairperson għandha tibgħat id-dettalji tas-Sur Mifsud lill-Aġent Segretarju. Kunsill taż-Żagħżagħ

**3.8** **Fuq punt 3.10.2 -** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kumitat aktar stili tal-istemma tal-Kumitat. Il-Kumitat iddeċieda li l-istemma tal-Kumitat għandha tkun kif ġej: Stemma tal-Kumitat



**Tema: Stemma tal-Kumitat Amministrattiv Swatar**

Is-Swatar hija żona ġdida u żagħżugħa u bħala storja ma tantx issib dwarha. Parti miz-Zona hija meħudha minn Birkirkara u parti mill-Imsida. Għalhekk il-Kumitat iddeċieda li jagħmel l-istemma tal-Kumitat li tibbaża dan il-fatt fejn illum is-Swatar huwa identifak b'konfini bejn Birkirkara u l-Imsida.

Parti mill-istemma qegħdha bi sfont aħmar li jirrappreżenta il-lokalita' ta' Birkirkara. Il-parti l-oħra li qegħdha bi sfont aħdar jirrappreżenta l-lokalita' tal-Imsida. Fin-nofs bi sfont abjad, jirrappreżenta s-Swatar fejn fil-ġnub tal-isfont abjad hemm burdura li tirrappreżenta l-konfini tas-Swatar.

3.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali talbu jagħmel tema għall-istemma. Il-Kumitat qabel mat-tema hekk kif preżentata.

**3.9** **Fuq punt 3.11.2 -** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma l-laqgħa li saret mal-Kap tas-St Martins College. Kien hemm preżenti: Iċ-*Chairperson*, Is-Sinjura Yvonne Spiteri u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. F'din il-laqgħa intlaħaq ftehim mal-iskola fejn, spejjeż għalihom, ser jirranġaw il-bankina ta' quddiem l-entratura prinċipali sabiex tidjieq u takkomoda aktar vannijiet 'l ġewwa u jkun hemm aktar spazju fit-triq. Dan ix-xogħol ser isir wara li jotjenu permess mit-TM. Il-Kumitat minn naħa tiegħu u wara li jitlesta l-proġett, għandu jipprovdi li jagħmel is-sinjali biż-żebgħa tal-parkeġġi kif ukoll iżid żewġ tabelli oħra. Taffiku quddiem is-St Martins College.

3.9.1 Waqt il-laqgħa mas-St Martins College ħareġ ukoll li minn naħa ta' wara tal-Kulleġġ, qed jipparkjaw l-*iscammels* fejn qed iħallu ħafna riħa u ħmieġ. Dan mhux qed ikun iġeniku u konvenjenti kemm għall-istudenti li jidħlu minn hemm kif ukoll għal kull min jgħaddi minn hemm. Scammels

3.9.2 Il-Kumitat iddeċieda li jirraporta s-sit lis-Sanita'.

**3.10** **Fuq punt 4.1 -** Il-Kumitat iddeċieda li ċ-*Chairperson* għandha tikkuntatja lil Profs Sultana sabiex jibgħatilha aktar materjal fuq il-kampanja. Il-materjal għandha taddihom lis-Sur Rudolph Cini ħalli jkun jista' jipprepara l-istruttura tal-kampanja abbażi tal-materjal li jirċievi. Kampanja BLS

**3.11** **Fuq punt 6.1.1 -** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li t-Tender ħareġ u jgħalaq fid-9 t'Awwissu 2011 f'12:00pm. Kif jagħlaq, jinfetħu l-applikazzjonijiet u ssir ix-*Schedule* imbagħad isir l-aġġudikazzjoni mill-Kumitat kollu. Il-Kumitat iddeċieda li ċ-*Chairperson*, is-Sur Mario Xuereb u L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikunu t-tlett persuni li jiftħu t-tender u jagħmlu x-*Schedule*. Tender tal-Bandli

**3.12** **Fuq punt 7.1.1 –** Is-Sur Mario Xuereb spjega fuq l-iskambju ta' emails li kien hemm bejn il-membri tal-Kumitat sabiex tinstab soluzzjoni għal problema ta' parking li hemm fis-Swatar speċjalment fl-inħawi ta' Triq it-Torri. Qal li hu u s-Sur Cini diġa ltaqgħu mal-Kappillan li minn naħa tiegħu lest li jħalli li tintuża l-parkeġġ tal-Knisja pero trid tinstagħab sistema fejn il-*gate* ma tibqax miftuħa għall-kullħadd. Is-Sur Xuereb qal li barra li tintuża l-parkeġġ tal-Knisja, soluzzjoni oħra tista' tkun *timed parking* f'naħa waħda tat-toroq.

Problema ta' Parking Ġewwa s-Swatar

3.12.1 Il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja xi spiża tinvolvi biex isiru żewġ *gates* elettroniċi għal parkeġġ tal-Knisja. Wara li ssir l-istima, is-Sur Mario Xuereb jagħmel laqgħa mal-Kappillan sabiex tiġi diskussa din is-sistema miegħu.

**3.13** **Fuq punt 8.1 –** Il-Kumitat iltaqa' f'laqgħa ad hoc sabiex tiġi diskussa t-tema ta' *traffic management*. Din saret fit-23 ta' Ġunju 2011. Preżenti kien hemm il-Kumitat kollu. F'din il-laqgħa, ġew deċiżi liema toroq irid jinbidlilhom it-traffic flow tagħhom. Il-Kumitat approva dawn il-proposti.

Traffic Management

3.13.2 Il-Kumitat iddeċieda li dawn it-toroq iridu jiġu verifikati fuq il-post, jintbagħatu lill-Kunsilli ta'-Birkirkara u tal-Imsida għall-kummenti tagħhom, imbagħad jintbagaħtu lit-TM għall-approvazzjoni u permessi.

3.13.3 Saret diskussjoni fuq l-Arriva fejn il-Kumitat iddeċieda wkoll li fil-25 ta' Lulju 2011, waqt li jkun qed idur is-Swatar, jiddeċiedu fuq proposta ta' rotta kif għandha tkun sabiex tiġi suġġerita lill-kumpanija Arriva.

Rotot tal-Arriva fis-Swatar

**3.14** **Fuq punt 11.2.1 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li għadu ma kellimx lis-Sindku.

Korsijiet tal-Kompjuter

**3.15** **Fuq punt 11.3.1 –** L-Aġent Segretarju qal li kellu jiċċekkja ma l-MRRA iżda issa wara l-iżviluppi li saru jirriżulta li aħjar jiġu rapurtati direttament lill-Pulizija. Il-Kumitat qabel.

Siti Perikolużi.

**3.16** **Fuq punt 11.1.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li saru diversi rapporti rigward l-*isleeping policeman* ta' Triq Indri Grima. Skont ir-rapporti, din l-*isleeping policeman* qed tagħmel ħafna storbju meta l-vetturi jgħaddu minn fuqha peress li hemm ukoll magħha tappiera.

Sleeping Policeman fi Triq Indri Grima

3.16.1 Is-Sinjura Baldacchino Cefai issuġġeriet li ssir petizzjoni minn naħa tar-residenti tal-madwar u l-Kumitat jara jekk iriduha jew le.

3.16.2 Il-Kumita iddeċieda li waqt il-laqgħa tal-25 ta' Lulju 2011, il-Kumitat idur ukoll bil-petizzjoni.

**3.17** **Fuq punt 11.4.2 –** Il-Kumitat iddiskuta f'liema skema jista' japplika l-Kumitat biex jottjeni aktar fondi.

Skemi.

3.17.1 Il-Kumitat iddeċieda sabiex l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jikkuntatja lis-Sinjura Maria Schembri MEUSAC sabiex jara kif il-Kumitat jista' jgħamel sabiex japplika għall-fondi mill-EU biex jissewew il-ħitan tas-sejjiegħ u jitwaħħlu pannelli fotovoltajiċi fuq il-*playing fields*.

3.17.2 Iċ-*Chairperson* qalet li rigward Skema nru 3 tal-Memo 43/2011, tixtieq li l-Membri tal-Kumitat jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom fuq x'jista' jsir bħala attivita' Kulturali.

## 4. Komunikazzjoni mill-Membri tal-Kumitat

**4.1** Ma kienx hemm kommunikazzjonijiet mill-Membri tal-Kumitat.

## 5. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

**5.1** Iċ-*Chairperson* qalet li issa fil-Kunsill tal-Imsida fetaħ Ċentru għall-Anzjani li jista' wkoll jidgawda mir-residenti tas-Swatar. Ċentru għall-Anzjani

## 6. Għeluq

**9.1** Il-laqgħa spiċċat fit-7:40pm. Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ġimgħa 26 t' Awissu 2011, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

## Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| **3.1** | **Fuq punt 3.1**<br>Tabella ta' *No Entry* fi Triq tal-Qattus minħabba l-Mużew. | Is-Sur Mario Xuereb imur ikellem lis-superjur. Iċ-*Chairperson* ser terġa tipprova tmur hi. | Is-Sur Mario Xuereb |
| **3.2** | **Fuq punt 3.2**<br>*Parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita'* | Isir parkeġġ riservat għall-Persuni b'Diżabilita' quddiem iċ-Ċentru tad-Diżabilita' fi Triq il-Balliju Guttenberg. | Aġent Segretarju |
| **3.3** | **Fuq punt 3.3**<br>Tabelli ta' Informazzjoni fit-Toroq. | Il-Kumitat iddeċieda li fil-25 ta' Lulju 2011 jiltaqa' sabiex jiddeċiedi fejn ser jeħlu it-tabelli. | Kumitat |
| **3.4** | **Fuq punt 3.4**<br>Problema ta' Parkeġġ | Il-Kumitat jiltaqa' mal-aġenziji li hemm fi Triq it-Torri wara li tinstab soluzzjoni fuq il-problema tal-parking. | Aġent Segretarju |
| **3.5** | **Fuq punt 3.5**<br>Siti Perikolużi. | Is-Siti perikolużi kollha għandhom jiġu rapurtati lill-Pulizija. Issir ukoll laqgħa mas-Suppretendent. | Aġent Segretarju |
| **3.7** | **Fuq punt 3.7**<br>Kunsill taż-Żagħżagħ | L-iskedar tal-laqgħa mas-Sur Victor Mifsud rigward il-Kunsill taż-Żagħżagħ ser issir mis-Segretarju Eżekuttiv wara li ċ-*Chairperson* tibgħatlu d-dettalji tas-Sur Mifsud. | Aġent Segretarju |
| 3.9.1 | Scammels | Isir rapport lis-Sanita'. | Aġent Segretarju |
| **3.10** | **Fuq punt 4.1**<br>Kampanja BLS | Iċ-*Chairperson* għandha tikkuntatja lil Profs Sultana sabiex jibgħatilha aktar materjal fuq il-kampanja. Il-materjal għandha taddihom lis-Sur Rudolph Cini ħalli jkun jista' jipprepara l-istruttura tal-kampanja abbażi tal-materjal li jirċievi. | Chairperson/Rudolph |
| **3.12** | **Fuq punt 7.1.1**<br>Problema ta' Parking Ġewwa s-Swatar | l-Aġent Segretarju għandu jiċċekkja xi spiża tinvolvi biex isiru żewġ *gates* elettroniċi għal parkeġġ tal-Knisja. Wara li ssir l-istima, is-Sur Mario Xuereb jagħmel laqgħa mal-Kappillan sabiex tiġi diskussa din is-sistema miegħu. | Aġent Segretarju |
| **3.13** | **Fuq punt 8.1**<br>Traffic Management | Il-Kumitat iddeċieda li dawn it-toroq iridu jiġu verifikati fuq il-post, jintbagħatu lill-Kunsilli ta'-Birkirkara u tal-Imsida għall-kummenti | Aġent Segretarju |

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| | | tagħhom, imbagħad jintbagaħtu lit-TM għall-approvazzjoni u permessi. | |
| 3.13.2 | Rotot tal-Arriva fis-Swatar | Il-Kumita iddeċieda li waqt il-laqgħa tal-25 ta' Lulju 2011, il-Kumitat iddeċieda wkoll li fil-25 ta' Lulju 2011, waqt li jkun qed idur is-Swatar, jiddeċiedu fuq proposta ta' rotta kif għandha tkun sabiex tiġi suġġerita lill-kumpanija Arriva. | Kumitat |
| 11.1.1 | **Fuq punt 11.1.1** Sleeping Policeman fi Triq Indri Grima | Il-Kumita iddeċieda li waqt il-laqgħa tal-25 ta' Lulju 2011, il-Kumitat idur ukoll bil-petizzjoni. | Kumitat |
| **3.14** | **Fuq punt 11.2.1** Korsijiet tal-Kompjuter | L-Aġent Segretarju għandu jitkellem mas-Sindku ta' Birkirkara sabiex jara kif taħdem is-sistema tal-korsijiet li għandhom huma bħalissa u li qed isiru mill-MCA. | Aġent Segretarju |
| **3.17** | **Fuq punt 11.4.2** Skemi | L-Aġent Segretarju Eżekuttiv jikkuntatja lis-Sinjura Maria Schembri MEUSAC sabiex jara kif il-Kumitat jista' jgħamel sabiex japplika għall-fondi mill-EU biex jissewew il-ħitan tas-sejjiegħ u jitwaħħlu pannelli fotovoltajiċi fuq il-*playing fields*. | Aġent Segretarju |
| | Edukazzjoni mill-Qari | Din it-temgħa tissemma waqt il-laqgħa pubblika sabiex il-Kumitat jara l-interess li hemm kif ukoll jara jekk ma jsibx xi volontarji li lesti li jagħmlu l-iStory Telling. | Aġent Segretarju |
| | Laqgha Pubblika | Il-laqgħa pubblika għandha ssir fl-14 t'Ottubru 2011, fis-6pm ġewwa s-Sala Parrokjali San Ġorġ Preca. | Aġent Segretarju |
| | Toroq bla isem | Dan l-item għad irid jiġi diskuss. | Kumitat |
| | Attivita' fis-Swatar | Il-Kumitat iddeċieda li l-attivita' ta' Settembru 2011 għandha ssir fi Triq Indri Grima. | |